GUDJA

Minuti tal-ħamsa u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 07 ta' Marzu 2011.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 24/6 (31/01/2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)

5. Estimi finanzjarji għas-sena 2011

6. Laqgħa Pubblika - rendikont

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 24/6 (31/01/2011)**

1.1 Il-minuti tal-31 ta' Jannar 2011 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2.0 Punti li tqajjmu mill-minuti 24/6 (31/01/2011)

1.2.1 Tema 2.1.2 paġna 2. Biċċa bankina fi Triq Ħal Resqun fuq in-naħa ta' Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Dalli staqsa kif sar dan ix-xogħol fuq in-naħa ta' Bir Miftuħ qabel ma kien lest ix-xogħol kollu tal-proġett ta' Triq Ħal Resqun.

Is-Sindku wieġeb li peress li l-bankina ta' Triq Ħal Resqun kienet lesta ma kienx hemm għal fejn wieħed kellu jistenna sakemm ikun hemm lest ix-xogħol kollu fi Triq Ħal Resqun.

Is-Sur Dalli inisista li ġewwa l-Gudja hawn ħtieġa ta' bankini oħra li kellhom jingħataw prijorita.

Is-Sur Baldacchino u s-Sur Dalli qalu li xtaqu jiġu nfurmati qabel u kienu qed jistennew stima dwar ix-xogħol li sar fuq in-naħa ta' Triq Bir Miftuħ li jestendi fuq tlett (3) plottijiet u mhux fuq faċċata ta' plot waħda.

Is-Sindku wieġeb li għalkemm ma kienx hemm stima separata, x-xogħol sar bi prezzijiet tat-tender li ħa l-istess kuntrattur Mangion Bros dwar il-bankini u toroq liema tender kienet diġa ġiet approvata mill-Kunsill.

1.2.2 Tema 2.2.3 paġna 3 Stat ta' Triq Ħal Luqa Gudja. Is-Sur Dalli staqsa għaliex flok asphalt intuża konkos u għaliex ħafna mit-toqob ma mtlewx kif meħtieġ. Is-Sindku ta' spejgazzjoni għaliex intuża l-konkos flok asfalt u dwar kif huwa kien tkellem mas-Sur Baldacchino u li kienu qablu li fiċ-ċirkustanzi preżenti u fil-qagħda li tinsab it-triq kien aktar effettiv li jintuża l-konkos flok asfalt.

Is-Sindku qal li għal dik il-ġurnata li kien ordna l-konkos sabiex isir ix-xogħol, it-temp beda tajjeb iżda wara li wasal il-konkos fit-triq Ħal Luqa, Gudja u l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill bdew jimlew it-toqob bdiet nieżla x-xita kontinwa u kellhom ta' bilfors jaħdmu f'kondizzjonijiet ħżiena. Għalkemm għamlu l-cones sabiex l-karozzi ma jirfsux fuq il-konkos frisk u mxarrab dawn l-cones bdew itiru u bosta drabi l-karozzi rifsu fuq il-konkos u tajru l-konsos mit-toqob u għalhekk f'xi toqob naqqas il-konkos u dawn ma mtlewx sewwa u jinħtieġ li jerġgħu jimtlew kif meħtieġ.

F'dan l-istadju is-Sur Baldacchino qal li fil-fehma tiegħu t-toqob li hemm fi Triq Ħal Luqa tant kienu jinstabu fi stat ħażin li anke kieku l-Kunsill kien qabel li dan jiġu biss mimlija bit-trapp huwa kien jaqbel ukoll basta jitnaqqas l-inkonvenjent u l-periklu. Is-Sur Baldacchino qal li kien għalhekk li qabel mas-Sindku li jingħata l-konkos għaliex ħass li ma setax jistenna iżjed peress li kien kontinwament jirċievi ilmenti minn ħafna nies peress li l-qagħda tat-triq ma kienitx tista tistenna aktar.

Is-Sur Baldacchino qal li l-ewwel preferenza tiegħu kienet li dawn il-ħofor jimtlew bl-asfalt u li kien is-Sindku li ssuġerixxa l-konkos u peress li huwa (is-Sur Baldacchino) ried li x-xogħol ssir b'urġenza u mill-aktar fiss possibli, kien ħass li kellu jaqbel mas-suġġeriment tas-Sindku.

F'dan l-istadju s-Sur Dalli insista li għalkemm dawn it-toqob ġew mimlija bil-konkos ix-xogħol ma kellux ssir fil-maltemp għaliex fil-fehma tiegħu ħafna mix-xogħol u l-materjal kien inħela.

Saret diskussjoni dwar il-qagħda preżenti tat-triq u dwar il-ħtieġa ta' xogħol ieħor rimedjabbli.

Il-Kunsill qabel li tinxtara jarda konkos sabiex jingħalqu t-toqob eżistenti fi Triq Ħal Luqa limiti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll li jinkiseb tagħrif dwar kemm tkun tiswa tunnellata asfalt u kemm tiġi tiswa tunnellata jekk din tiġi mimlija f'boroż separati li jkun jistgħu jiġu storjati sabiex jintużaw mill-Kunsill perjodikament.

Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb tagħrif mit-Trasport Malta dwar meta huwa ippjanat li Triq Ħal Luqa Gudja sejra tingħta l-asfalt kif kien ġie imwiegħed diversi xhur ilu.

1.2.3 Triq Birżebbuġa katuniera ma' Vjal it-Torri Gudja. F'dan l-istadju saret diskussjoni dwar ħtieġa urġenti li jsir xogħol rimedjabbli ġewwa din it-triq. Il-Kunsill qabel li tinxtara jarda u nofs konkos sabiex jimtlew t-toqob eżistenti kif meħtieġ.

1.2.4 Tema 2.3.2 pagna 5. Aċċess għall-iskola St. Joan Antide Gudja. Is-Sur Dalli staqsa dwar il-progress ta' dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li huwa kien kellem is-soru dwar dak mixtieq u kellu jerġa jara kif jista' jitwettaq dan ix-xogħol.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Xiri ta' konkos fi Triq Ħal Luqa l/o Gudja. Is-Sindku qal li għalkemm huwa kien ordna sitt yardi biss konkos, fuq il-post waslu tmien jardi konkos u mhux kif kien miftiehem. Barra minnhekk it-temp fixkel waqt li kien qed issir dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel, li fiċ-ċirkustanzi, għandu jħallas biss ta' sitt jardi u xejn iżjed.

2.1.2 Promozzjoni tas-Sinjorina Antoinette Azzopardi għall-iskala 11. Is-Sindku qal li peress illi Ms Azzopardi ilha aktar minn tlett snin fi skala 13 u peress li l-ħidma tagħha hija sodisfaċenti l-Kunsill jista jikkonsidra li din titla għal skala 11. Il-Kunsill qabel li din tkun speċifikament inidikata fuq l-Agenda fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill u li s-Segretarju Eżekuttiv jippreżenta rapport dwar dan u jagħti tagħrif lill-Kunsill dwar il-prċedura meħtieġa u dwar kif id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun konformi mal-liġi u mar-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

2.1.3 Ħlas ta' €125 sabiex jitħallas l-avukat tat-Tribunal tar-Reġjun. Is-Sindku qal li qed jattendi għal-laqgħat tar-Reġjun ta' Nofsinhar u dwar kif fl-aħħar laqgħa sar qbil li kull Kunsill jikkontribwixxi €125.00 sabiex jitħallas l-operat ta' l-avukat li jkun qed jippressiedi t-Tribunal dwar l-Law Enforcement System u dan sakemm ir-Reġjun ikun jista' jiġġenera l-flus u jwettaq l-obbligazzjonijeit li għalihom ikun ġie imwaqqaf ir-Reġjun.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun is-Sur Reuben Sciberras dwar kif sejrin jiġu amministrati l-fondi li jkun ġenerati mis-sistema ta' l-LES u dwar kif sejrin jitqassmu dawn il-fondi lill-Kunsilli rispettivi. Din il-materja għandha terġa tiġi fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

2.1.4 Bollard żgħir fi Sqaq Santa Marija Gudja. Is-Sindku fakkar kif dan l-isqaq kien ġie iċċangjat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li jkun aħjar li jsir bollard żgħir sabiex jiġi protett.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Kampanja Edukattiva mal-GreenPak dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Is-Sur Baldacchino fakkar dwar il-ftehim li għandu l-Kunsill mal-GreenPak u dwar l-importanza tas-separazzjoni ta' l-iskart. Is-Sur Baldacchino qal li riċentament ingħata bidu ta' kampanja ġdida ma' l-iSkola Primarja tal-Gudja u li l-preżentazzjoni sejra ssir fl-04 t'April 2011.

Il-Kunsill qabel li jinxtraw trophies u tifkiriet dwar din l-okkażjoni għaliex fil-fehma tal-Kunsill, is-separazzjoni ta' l-iskart hija ta' importanza kbira għall-Kunsill.

2.2.2 Tiswija u bini mill-ġdid tas-salib fuq kolona tal-ħaġar fil-konfini tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino fakkar lill-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tiegħu sabiex dak li huwa fil-konfini tal-Gudja jibqa tal-Gudja u dwar l-intervent tal-Kunsill sabiex id-Dipartiment tal-Gvern Lokali joħroġ ruling sabiex filwaqt iwaqqaf l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa l-istess Dipartiment tal-Gvern Lokali jgħaddi l-istess fondi lill-Kunsill Lokali Gudja sabiex il-Kunsill Lokali Gudja jwettaq ix-xogħol meħtieġ fuq is-Salib u l-Menħir li jinsabu fil-konfini tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li l-ittra tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata 08 ta' Frar 2011 dwar dan għandha tifforma parti integrali ta' dawn il-minuti dwar din l-istess tema.

2.2.3 Ftehim ta' PPP mal-Gudja United FC. Is-Sur Baldacchino qal li issa li jidher li l-Kunsill kiseb l-permessi meħtieġa l-Kunsill jista' jiffirma l-ftehim u jagħmel il-ħlas ta' €12,000.00 sabiex jikseb elf (1000) siegħa ta' użu tal-Ground u attrezzi (barra l-bar) tul firxa ta' ħames (5) snin sabiex joffri servizz ta' edukazzjoni fiżika u sport lir-residenti tal-Gudja kemm jekk tfal, żgħażagħ, adulti kif ukoll anzjani.

Is-Sur Baldacchino qal li huwa maħsub li dan il-ftehim jiġi ffirmat nhar il-Ġimgħa 25 ta' Marzu 2011 fit-3.30p.m. fil-ground tal-Gudja United FC ħdejn Palazzo d'Aurel Gudja u għal din l-okkażjoni qed jiġu mistiedna persuni distinti u l-media.

2.2.4 Proġetti dwar l-Urban Improvement Fund (UIF). Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill huwa nfurmat li l-fondi ġewwa dan il-fond huma ta' €29,245.31 li jistgħu jiżdiedu. Għalhekk huwa qed jipproponi tlett proġetti li huma:-

a. Ġnien il-Ħelsien
b. Triq Ħal Tarxien
c. Bandli fi Ġnien Raymond Caruana u Ġnien Ġlormu Cassar Ta' Xlejli.

Is-Sur Baldacchino qal li dawn il-proġetti huma kemm fattibli kif ukoll sostenibbli u ta' fejda għar-residenti f'oqsma diversi ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill approva dak li qal is-Sur Baldacchino u qabel li jagħmel u jissottometti l-applikazzjonijiet meħtieġa sabiex dawn il-proġetti jiġu mwettqa b'suċċess b'risq ir-residenti tal-Gudja u ta' dawk li jżuru l-Gudja kemm Maltin kif ukoll persuni li għixu barra minn xtutna.

2.2.5 Ftehim ta' kollaborazzjoni mal-GreenPak dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Is-Sur Baldacchino qal l-ftehim mal-GreenPak qed jaħdem sewwa u talab lill-Kunsill sabiex jikkonsidra li dan il-ftehim jiġi rinovat.

Il-Kunsill qabel li jirrinova dan il-ftehim taħt id-diversi kapi u partijiet eżistenti ta' l-istess ftehim kif eżistenti.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Is-Sur Sammut fakkar il-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu fl-isports u dwar il-ħidma u l-kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali dwar l-iSports (KMS). Is-Sur Sammut qal li sejjer jiġi iffirmat kuntratt mal-KMS dwar Skema ta' Attivitajiet Sportivi. Il-Kunsill sejjer iħallas biss is-somma ta' €3415.00 u joffri diversi servizz ta' l-isports li dehru li huma ferm popolari għat-tfal u żgħażagħ Gudjani. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Sammut.

b. Aerobics. Agones SC se tagħmel invoice €480 (€240 jitħallsu mill-Kunsill u €240 jitħallsu mill-KMS). Din hija l-istess rata daqs dik mħallsa mill-instructors tal-KMS. B'din il-kollaborazzjoni l-Kunsill ikun qed joffri iżjed attivitajiet bħal Pilates u Light Fitness u anke jekk il-parteċipanti jkunu nteressati, fiz-Zumba.

Il-flus ikunu qed jinġabru mill-Club u għalhekk dwar dan il-Kunsill ma jkunx qed jiġi involut.

Minn din is-somma se jitħallsu s-sezzjonijiet tal-Pilates u dik taz-Zumba li huma ikkonsidrati bħala addizzjonali. Is-Sur Sammut qal li fl-opinjoni tiegħu l-parteċipanti ħa jieħdu wisq iktar valur u servizz speċjalment meta tqies dawk li jkollhom iħallsu meta jmorru għand xi club privati oħra.

L-ammont ta' €45.00 għal 20 sezzjoni li tinkludi l-Pilates u z-Zumba huwa għalhekk ferm vantaġġjuż jew inkella €3.00 għal kull sezzjoni.

Is-Sur Sammut qall ukoll illi dan qed isisr b'mod esperimentali u jista' jiġi rivedut wara s-sezzjonijiet tas-Sajf.

b. Sport Club - Agones b'kollaborazzjoni tal-Kunsill f'attivita sportiva. Is-Sur Sammut qal li sejrin ikun hemm diversi attivitajiet fl-inħawi ta' Ħas Saptan ħdejn iż-żebbuġ. Is-Sur Sammut qal li l-kontribut tal-Kunsill huwa li jipprovdi u jħallas għal Pulizija u xiri u preżentazzjoni tat-trophies. Is-Sur Sammut qal li hemm possibilita li tittella attivita sportiva l-Ħadd 17 ta' Lulju 2011 li tista tiġi nkluża fl-attivitajiet organizzati mill-Kunsill fil-Ġimgħa li jiġi ċelebrat Jum il-Gudja 2011. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Sammut iżda dwar l-attivita tas-17 ta' Lulju 2011 il-Kunsill wera x-xewqa li din l-attivita tkun tista issir f'ġurnata oħra qabel jew waqt il-Jum ta' 15 ta' Lulju 2011 li huma Jum il-Gudja liema jum ikun fih il-qofol ta' l-attivitajiet u qisu jagħlaq il-programm uffiċċjali taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kunsill

c. Attivita dwar Cup Cake Decorations organizzata minn Lara Vassallo. Is-Sur Sammut qal li kien ġie avviċinat sabiex torganizza attivita li fiha dawk li jieħdu sehem, speċjalment tfal ikunu jistgħu jsibu tagħrif

dwar dan u li huma stess jipparteċipaw direttament u jieħdu magħhom id-dar dak li jkunu għamlu huma stess waqt dan it-taħriġ.

Is-Sur Sammut qal li l-ispiża sejra tkun ta' €1.50 kull persuna liema somma sejra isservi għax-xiri tal-materjal meħtieġ. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut u qabel li s-Sinjorina Lara Vassallo tavviċina lis-Surmast ta' l-iskola dwar dak meħtieġ u dwar il-possibilita li din l-attivita tiġi organizzata fil-post tal-Life Long Learning Centre.

2.3.2 Sur Anthony Dalli

a. Is-Sur Dalli fakkar li l-proġett: Life Long Learning Centre huwa lest mill-attrezzaturi meħtieġa u dwar l-preparazzjoni sabiex jingħata bidu ta' l-użu ta' dan iċ-ċentru fuq bażi limitati peress li sa issa l-Kunsill għandu ma rnexxilux jikseb l-għajnuna meħtieġa mill-awtoritajiet konċernati.

Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill kien bagħat ittra lir-residenti kollha tal-Gudja sabiex jikseb informazzjoni ta' dak li jixtiequ r-residenti dwar it-tagħlim tul il-ħajja. Is-Sur Dalli qal li kien hemm interess divers dwar tagħlim dwar il-computers, first aid, s-saħħa u l-kura, u ħiliet oħra. Is-Sur Dalli qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jagħti bidu għat-tħaddim ta' dan iċ-ċentru billi jorganizza kors tal-First Aid.

Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sur Dalli u qabel li s-Sur Dalli jkompli bil-ħidma tiegħu sabiex jagħti bidu dwar il-kors tal-First Aid li huwa ferm ta' ħtieġa għal kulħadd għaliex wieħed/a imħarreġ/a ikun jista' isalvu l-ħajja kemm tiegħu kif ukoll ta' ħaddieħor.

b. Servizz tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali. Is-Sur Dalli qal li dan is-servizz issa ilu sejjer b'suċċess għal sitt xhur u wasal iż-żmien li għandu jerġa jiġi mġedded bil-pubbliċita meħtieġa għaliex dan is-servizz wera kif il-Kunsill Lokali tal-Gudja jaħdem fil-qasam soċjali u li jipprovdi lin-nies tal-Gudja dak meħtieġ u filwaqt. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Dalli u qabel li jsiru l-preparazzjonijiet meħtieġa sabiex it-tiġdid ta' dan il-ftehim jiġi iffirmat fil-bini tal-Kunsill fi żmien qasir u li din l-okkażjoni tingħata l-pubbliċita meħtieġa.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-ilmenti li rċieva u dwar l-azzjoni li qed tittieħed f'waqta sabiex jiġi eliminat kull inkonvenjent fl-iqsar żmien possibli.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar diversi ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-azzjonijiet meħtieġ dwar l-interess tal-Kunsill.

**4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u l-bankina li hija parti minn Triq William Baker minn ħdejn il-kampnar sal-katuniera ta' Triq il-Kappillan.**

4.1.0 Xogħol fi Triq Ħal Resqun Gudja.

4.1.1 Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' konkos mal-ħajt ta' l-għelieqi sabiex jiġi assigurat li ma jisfrondax il-ħajt matul l-għelieqi. Il-Kunsill qabel ukoll li x-xogħol tal-ħajt li minnu jiskula l-ilma fit-tarf ta' Triq Ħal Resqun issir mill-ħaddiema tal-Kunsill peress li fil-fehma tal-Kunsill il-prezz mitlub mill-kuntrattur huwa għoli ħafna u b'hekk il-Kunsill ikun jista jiffranka l-flus.

4.1.2 Il-Kunsill huwa tal-fehma li x-xogħol fuq din it-triq, Triq Ħal Resqun, mexa bil-mod u qabel li dan ix-xogħol għandu jitlesta b'mod sodisfaċenti u tajjeb sa mhux aktar tard mit-18 ta' Marzu 2011 għaliex fin-nuqqas il-Kunsill ikun kostrett li jieħu passi meħtieġa kif kontemplati fil-kuntratt.

4.1.3 Il-Kunsill qabel li għandha titbagħat ittra lill-kuntrattur li biha tagħrraf lill-kuntratt dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill.

4.2.0 Triq l-Awrekarja u parti minn Triq Joseph Gravina.

4.2.1 Il-Kunsill qabel li jerġa jikkonsidra dan ix-xogħol wara li titlesta Triq Ħal Resqun u jikkonsidra l-estimi tax-xogħol u l-finanzi tal-Kunsill.

4.3.0 Bankina ta' Triq William Baker Gudja

4.3.1 Il-Kunsill qabel li jikkonsidra dan ix-xogħol wara li titlesta Triq Ħal Resqun u li dan ix-xogħol jingħata l-prijorita kif ikun meħtieġ.

## 5.0 Estimi Finanzjarji għas-sena 2011

5.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-estimi kif preżentati fil-laqgħa pubblika u filwaqt li qabel li jimxi u jaċċetta l-estimi skond ix-xogħol tad-dekasteri tal-Kunsill qabel li jiġi assigurat li kull infieq isir bl-akbar galbu u li l-Kunsill jingħata l-valur massimu għal kull nefqa li jagħmel.

**6.0 Laqgħa Pubblika – rendikont 2011**

6.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-minuti tal-laqgħa pubblika li saret fil-31 ta' Jannar 2011 u filwaqt li aċċetta u approva dawn il-minuti qabel li jsegwi dak meħtieġ sabiex jiġi assigurat li jwettaq l-aspirazzjoni u x-xewqat tar-residenti tal-Gudja bl-aktar mod effiċjenti u effikaċi.

**7.0 Finanzi**

7.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Jananr 2011 b'ammont ta' €84.91 ġie approvat kif ippreżentat.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2011 għas-somma ta' €14315.92 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Il-Kunsill approva x-xiri ta' servizzi, xogħlijiet u materjal ieħor kif imsemmija aktar il-quddiem f'dawn il-minuti.

7.3.2 Xiri ta' asphalt. Il-Kunsill qabel u approva x-xiri ta' mitt (100) xkora asphalt dwar xogħol ta' manutenzzjoni tat-toroq fil-Gudja.

7.3.3 Xiri ta' 2 ½ jardi konkos. Il-Kunsill qabel u approva xiri ta' 2 ½ jardi konkos għal xogħol ta' manutenzzjoni kif indikati aktar il-quddiem f'dawn il-minuti.

7.3.4 Xiri ta' żewġ gradilji fi Triq Ħal Safi Gudja. Il-Kunsill qabel u approva xiri ta' żewġ gradilji sabiex ikun hemm post aħjar minfejn jiskula l-ilma li jaqa' f'din it-triq.

7.3.5 Xogħol ta' aluminium sabiex issir partion għat-toilet fit-tieni kamra fis-sular t'isfel fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill ha jonjuzjoni ta' tlett kwotazzjonijiet li rċieva dwar dan ix-xogħol li huma:-

a. ICS Aluminium - Qormi
b. Joevin Aluminium – Arcade Str, Paola
c. Qormi Aluminium – Triq il-Masġar, Qormi

Il-Kunsill qabel li l-aħjar offerta hija dik ta' ICS Aluminium għas-somma ta' €455.00 (li tikludi l-VAT). Il-Kunsill qabel li joħroġ letter of acceptance (LA) sabiex issir dan ix-xogħol mill-aktar fis possibli.

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu 2011 fil-5.30p.m. fuq l-agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

Il-laqgħa għalqet fid-8.40p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________